MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

# 9 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 25**

**Il-Ħamis, 29 t' Ottubru, 2020**

Il-Laqgħa saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq il-Kbira San Ġużepp fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Is-Sur Gianluca Falzon | Viċi Sindku |
| Dott. Darren Carabott | Kunsillier |
| Is-Sur Kursten Dimech | Kunsillier |
| Is-Sur Joe Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is-Sa Courtney Farrugia | Kunsillier |

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

## 25.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

F'din il-laqgħa kien hemm ittra ta' appoloġija waħda tas-Sa Courtney Farruiga li me setgħetx tkun preżenti għal din il-laqgħa.

## 25.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill.

### 25.2.1 Approvazzjoni tal-Minuti

Minuti tat-23 u 24 laqgħa ġew approvati unanimament wara li saru xi korrezzjonijiet.

## 25.2.2 Korrezzjonijiet

### 25.2.2.1 Minuti Laqgħa 23

Minuta 23.3.1.4 – "tal-" issir "mal"

Minuta 23.7.2 - wara il-kelma "proġett" tiżdied il-kelma "propost"

Minuta 23.7.2.3 - "tal-" issir "fil-"

Minuta 23.4.2 - quddiem "San Ġużepp" tiżdied il-frażi "dar tat-tfal ta'"

Minuta 23.6.1 wara il-frażi "Pjazza Ġuże" tiżdied il-kelma "Flores"

Minuta 23.6.9 il-frażi "ta' fejn il-Multi Gas issir "ta' fejn l-eks Multi Gas"

### 25.2.2.2 Minuti Laqgħa b'Urgenza 24

Ma kienx hemm korrezzjonijiet

## 25.3 Punti mqajjma mill-minuti

**25.3.1.1** Minuta 23.3.1.1 – Is-Sindku informa lill-membri li l-laqgħa dwar *Slow Streets* saret u jidher li r-rapport li sar huwa wieħed kompressiv u interessanti. Fir-rapport jidher li dawn qed jissuġġerixxu sabiex per eżempju darba fix-xahar jingħalqu ċetru toroq sabiex isiru spazji rikrejattivi (play streets). Qed ikun suġġerit ukoll sabiex *zebra crossing* ikunu kuluriti u xi wħud mill-karreġġjati tat-toroq jidjiequ sabiex ikunu msebbħa b'aktar landscaping. Wara diskussjoni kien hemm qbil, sabiex dan jiġi diskuss fid-dettall f'laqgħa separata.

**25.3.1.2** Minuta 23.3.1.3 – Is-Sindku informa lill-membri li dwar il-proposta tal-*Beehive* iltqajna mal-Perit ġewwa ġnien Romeo Romano fejn wara li saret diskussjoni fuq il-post, ġie suġġerit sabiex Dott. Carabott b'permezz tas-sotto kumitat, jippreżenta il-proposta b'mod uffiċċjali dwar fejn tista titpoġġa u jinġiebu ukoll kjarifiki tal-ispiża involuta.

**25.3.1.3** Minuta 23.3.1.5 - Is-Sindku informa lill-membri li dwar l-iffirmar tal-kuntratt taċ-Ċentru ta' Matul il-Jum li jkun regolat mill-*Active Agency SCSA* ħa parir legali invista li diversi talbiet li saru ma kienux aċċettabbli.

**25.3.1.4** Minuta 23.7.2.3 - Is-Sindku informa lill-membri sabiex apparti li jsir il-ħadid madwar il-Monument tas-Salib terga' wkoll titwaħħal l-irħama kommemorattiva li kien hemm fil-passat.

**25.3.1.5** Minuti 24 - Is-Sindku informa lill-membri li ġie iffirmat il-ftehim fuq l-estenzjoni bid-data ta' meta irid jitlesta ix-xogħol tal-proġett tal-Palazz l-Aħmar. Data ġiet estiża għal aħħar darba sal-aħħar ta' Jannar 2021.

## 25.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

**25.4.1** Is-Sindku informa lill-membri li qed isiru trattativi mal-MELP li tiġi taħt ir-responsabbilta tal-Ministeru tat-Turiżmu, Kultura u Ambjent dwar ir-*roundabout, soft areas* u l-*planters* ta' Triq il-Ferrovija sabiex il-manutenzzjoni u t-tiżbir u t-tħawwil ta' siġar u pjanti tibqa' taħt ir-responsabbilta' tagħhom u dan peress li t-triq in kwistjoni hija waħda arterjali.

**25.4.2** Is-Sindku informa lill-membri li fil-15 ta' Novembru bejn it-8:30am u is-1:30pm f'Misraħ Santa Venera ser ikun hemm il-Bank tad-Demm. Wara diskussjoni, ġie deċiż li l-bank tad-demm jitpoġġa kważi ħdejn l-MADC kantuniera 'l bogħod minn Triq Dun Xand Cortis.

**25.5 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera**

**25.5.1** Is-Sindku nforma lill-membri li dan l-item ma kienx intiż sabiex isiru l-mistoqsijiet imma sabiex isiru komunikazzjonijiet li joħorġu minn laqgħat li dak il-kunsillier partikolari ikun attenda f'isem il-Kunsill Lokali. Għaldaqstant, mistoqsijiet għandhom jintbgħatu 6 ijiem qabel u dan sabiex jitpoġġew fuq l-aġenda.

Intant, għal din il-laqgħa, is-Sindku xorta waħda wiegeb għal mistoqsijiet li huma annessi bħala Dok. 'A' ma dawn l-istess minuti.

**25.5.2** Is-Sindku stieden lis-Sur Gianluca Falzon sabiex jgħati rendikont dwar dak li ġie diskuss fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun Ċentru li nżammet nhar l-Erbgħa 28 ta' Ottubru 2020:

**25.5.2.1** Skema Finanzjarja 7/2020 - Covid19 packs -ispejjeż relatati mal-għajnuna mgħotija mill-Kunsilli Lokali lir-residenti minħabba l-COVID19 f'Malta. Kull Kunsill Lokali li jagħmel parti mill-Kunsill Reġjonali Ċentru huwa ntitolat għall-ammont sa massimu ta' €5,000.

Permezz ta' dawn il-fondi, il-Kunsill Lokali jista' jixtri 'COVID19 PACKS' li jikkonsistu minn: - Pakkett *Antibacterial Surface Wipes*; - Pakkett ta' għaxar *disposable face masks*; - Flixkun żgħir *hand sanitiser*; - Pakkett *alcohol wipes*.

Il-membri qablu ma din l-inizzjattiva u kien hemm qbil ukoll sabiex dawn jitqassmu lill-għaqdiet tal-lokal.

**25.5.2.2** Skema Finanzjarja 8/2020 - Għajnuna lil Għaqdiet - ikun rifondut sa massimu ta' €2,000 lil kull Kunsill Lokali li jagħmel parti mill-Kunsill Reġjonali Ċentru fuq spejjez marbutin ma': - Xiri ta' instrument mużikali għall-klabb tal-banda; - Xiri ta' apparat sportiv għall-għaqdiet sportivi; - Xiri ta' apparat elettroniku (bħal kompjuters; projectors; Sistema ta' sound jew Sistema ta' dwal; etc.) - Xiri ta' għamara fil-bini tal-għaqda; - Spejjeż ta' manutenzjoni fil-binja ta' l-għaqda (bħal aperturi); - Spejjeż relatati sabiex il-binja ta' l-għaqda tkun aktar aċċessibbli għal kulħadd - Għajuna lil xi għaqda fil-komunità biex tgħinha fil-funzjonijiet.

Kiwn hwmm qbil sabiex niċċirkulaw din l-iskema lill-għaqdiet lokali u preċedenza jieħduha dawk li għadhom ma bbenefikawx.

**25.5.2.3** Funds Officer – Il-Viċi Sindku semma ukoll kif ir-Reġjun ser iġib kwotazzjonijiet għal *Funds Officer* li b'permezz tiegħu ikunu jistgħu jagħmlu użu minnu l-Kunsilli Lokali.

**25.6 Rapporti / Korrispondenza**

**25.6.1** Is-Sindku informa lill-membri li il-Kunsill irċieva protest ġudizzjarju mill-Qorti f'isem is-Sur Raymond Brincat li huwa propjetarju tal-Hanut *Fresh Green* li jinsab fi triq Kanonku Bonnici bil-konsegwenza li dan il-garaxx partikolari qed iġarrab ħsarat konsidrevoli għax skont hu t-triq qed taqleb ħażin. Is-Sindku qal li dan ix-xogħol irid isir minn *Infrastructure Malta* peress li Triq il-Kanonku Bonniċi kellha ssir ma lot numru wieħed. Wara diskussjoni, kien hemm qbil sabiex dan il-protest ġudizzjarju jiġi mwieġeb.

Ġie nnutat ukoll li tpoġġiet filata *bricks* fit-triq quddiem l-istess ħanut. Wara diskussjoni l-mebri qablu unanimament sabiex issir rapport lill-pulizija dwar dan.

**25.6.2** Is-Sindku informa lill-membri li Transport Malta approvat il-proposta li kinet saret minn Café Pascucci fi Triq il-Kappillan Mifsud sabiex il-bankina titwessa u b'hekk l-imwejjed tal-*cafeteria* ikunu jistgħu jibqgħu fejn huma u b'hekk in-nies ikollhom spazzju adekwat sabiex ikunu jistgħu jgħaddu minn fuq il-bankina,

Il-Membri qablu unanimament

F'dan l-istadju (7:20pm) daħal Dott. Darren Carabott u ħa postu mal-mejda.

**25.6.3** Is-Sindku informa lill-membri dwar l-leakage minn taħt it-triq fi Triq il-Blata l-Kaħla kantuniera ma' Triq Reġjonali. Wara li marru tal-Water Services u għamlu id-detector irriżulta li hemm pipe privat li qed inixxi l-ilma. Wara diskussjoni kien hem qbil sabiex is-Sindku jkellem lil dan ir-resident b'mod privat in vista li ħsarat fit-toroq, l-entitajiet ser jispiċċaw iżommu lilu responsabbli.

**25.6.4** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-AKL dwar il-kontroll tal-ħamiem selvaġġ fejn ingħataw il-fondi sabiex dawn l-istess ħamiem b'xi mod jiġu kkontrollati.

Wara diskussjoni il-membri qablu li f'Santa Venera il-problema dwar il-ħamiem selvaġġ tinsab fi triq il-Lunzjata u Triq il-Kbira k/m Triq Kanun. Kien hem qbil sabiex isir użu eventwalment minn dan il-kuntratt.

**25.6.5** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill li inġiebu tlett kwotazzjonijiet sabiex isir it-tiżjin tal-Milied fit-toroq ta' Santa Venera fi Triq il-Kbira San Ġużepp, f'Misraħ Santa Venera, fil-pjazza ta' Triq Misraħ il-Barrieri u fil-pjazza ta' ħdejn il-kwartieri tal-Iscouts. Il-kwotazzjonijiet huma:

a) C&G Street Lights Decorations li kkwota il-press ta' €4,838 (Vat inkluża)
b) Audio System li kkwota il-prezz ta' €8,024 (Vat inkluża)
c) CLD li kkwota il-press ta' €6,844 (Vat inkluża)

Wara diskussjoni l-Membri qablu unanimament sabiex imorru għall-irħas kwotazzjoni dik ta C&G Street lights Decorations.

**23.6.6** Is-Sindku informa lill-membri li irċieva kommunikazzjoni mingħand l-organizzaturi tal-Fun Walk fejn qed jiġi propost li din is-sena ssir Fun Walk possibbilment f' kull lokalita' nhar is-6 ta' Diċembru 2020 għall-ħabta ta' 9:30am. Dawn il-Fun Walks ser ikunu organizzati minn Sports Malta b' kollaborazzjoni ta' diversi entitajiet fosthom il-Pulizija u l-LESA b' kordinament mal-Kunsilli Lokali.

L-organizzaturi qed jaspiraw li jkun hemm 100 parteċipant f' kull lokalita'. Il-mixja f' kull lokalita' trid tkun ta' madwar żewġ kilometri. Il-Kunsilli Lokali qegħdin jintalbu jidentifikaw it-tali rotta

Wara diskussjoni l-membri qablu sabiex is-Sindku jiddentifika żewġ rotot li huma ideali għal din il-*Fun Walk.*

**25.6.7** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva kommunikazzjoni mingħand is-Sur Martin Polidano f'isem il-WSC fejn qed ikun propost sabiex il-Kunsill jidentifika zoni li jkunu milħuqha mir-residenti sabiex ikunu installati *potable water dispensers* li joffru ilma naturali u dak tal-gas. Huwa ppjanat li jkunu installati minn Jannar 2021 fejn ser ikunu installati għaxar dispernsers kull sitt xhur. Il-permessi, l-installazzjoni issir minnhom stess.

Wara diskussjoni l-membri qablu unanimament li jkunu installati żewġ dispensers waħda fi ġnien Romeo Romano u oħra fi Triq il-Kbira San Ġużepp faċċata ta' Carini Stores fil-viċinanzi tal-*bus shelter*.

## 25.7 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

### 25.7.1 Rakkomandazzjoni Ġieħ / Mertu Santa Venera 2020

Is-Sindku talab lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex jinforma lill-membri bir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Għażla. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv wara li qara l-minuti, nominazzjonijiet għall-Ġieħ u Mertu Santa Venera 2020 kienu jammontaw għal sebgħa:

1. Is-Sur Lawrence Cefai (kellu 2 nominazzjonijiet)
2. Is-Sur Alfred Cachia
3. Is-Sur Joe Grech u Dott. Lynn Chircop
4. Is-Sur Alfred Scerri
5. Santa Venera Lightnings (kellhom 2 nominazzjonijiet)

Wara evalwazzjoni fuq in-nominati kollha, il-Kumitat unanimament qablu li n-nominazzjoni tas-Sur Lawrence Cefai u tas-Sur Alfred Cachia ikklassifikaw sabiex jingħataw Ġieħ Santa Venera u għaldaqstant irrakomandaw li l-Ġieħ jingħata lilhom.

Wara diskussjoni, il-Kunsill Lokali qabel li l-Ġieħ għandu jingħata lil persuna waħda u għaldaqstant il-Bord kien ser ikollu jerġa jiltaqa. Wara diskussjoni, il-membri qablu ukoll li noqgħodu fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Għażla.

Is-Sindku informa lill-membri li minħabba s-sitwazzjoni tal-pandemija din is-sena Jum Santa Venera ma jistax ikun ċelebrat bħas-snin preċedenti u għaldaqstant irrimarka li l-Ġieħ u l-Mertu Santa Venera 2020 jingħata wara s-smiegħ tal-quddies.

Apparti hekk is-Sindku informa lill-membri li fit-8 ta' Novembru jaħbat Jum it-Tifkira u ser tkun iċċelebrata quddiesa fid-9:00 am fil-Knisja Parrokkjali u wara jitpoġġew ir-rand quddiem il-plakka kommerattiva li tfakkar lill-Vittmi tal-Gwerra.

### 25.7.2 Restawr Funtana fi Ġnien Romeo Romano

Is-Sindku informa lill-membri li hemm bżonn li jsir restawr fuq il-funtana tal-ġnien Romeo Romano li hemm mal-ħajt ta' fejn tidħol mill-bieb ta' Misraħ il-Barrieri.

Wara diskussjoni l-membri qablu unanimament sabiex isir ix-xogħol meħtieġ fejn il-Kunsill jitlob lill-perit sabiex jagħmel il-BOQs.

### 25.7.3 *Traffic Management* naħa tal-LiDL

Is-Sindku nforma lill-membri li hemm bżonn li jsir traffic management in-naħa ta' fejn il-Lidl minħabba l-fatt li l-Kunsill tal-Ħamrun bidlu d-direzzjoni tat-traffiku ta' Triq Byron. Wara diskussjoni bejn il-membri ġie deċiż sabiex nitolbu l-assistenza tal-Perit Audrey Testaferrara de Noto għal possibilta li tistudja l-akwata u ttina l-veduti tagħha.

## 25.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati

F'din il-laqgħa ma ġewx preżentati minuti tas-sotto-Kumitati.

## 25.9 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-Iskeda tal-pagamenti ġiet diskussa u approvata. Skeda ta' pagament: Proponent: Silvio Vella u Sekondant: Gianluca Falzon

## 25.10 Ilmenti

**25.10.1** Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 734 sa 829.

| | |
|---|---|
| 734 | Contracts Manager |
| 741 | Ħaddiema Assenjati |
| 747 | Work Order Grima & Sons |
| 760 | (1) Xogħol ma jistax isir<br>(2) Saret laqgħa mal-MITA u diġa qed jużaw shuttle service apparti li ppruvaw ukoll car pooling |
| 762 | Irid ikun hemm l-awtorizzazjoni mill-Pulizija |
| 764 | Contracts Manager |
| 765 | Din saret |
| 769 | Ħaddiema Assenjati |
| 774 | Ma tistax issir |
| 776 | Din saret |
| 783 | Ħaddiema Assenjati |
| 784 | Infrastructure Malta |
| 786 | Work Order B. Grima & Sons |
| 787 | Work Order B. Grima & Sons |
| 792 | Ma tistax issir |
| 798 | Ma tistax issir għax mhix skont il-policies |

| | |
|---|---|
| 803 | Work Order B. Grima & Sons |
| 806 | Din tinsab fil-programm tax-xogholijiet li jridu jsiru minn Infrastructure Malta |
| 808 | Faccata Bjorn Garage nistennew minn TM |
| 811 | Hemm Work Order |
| 817 | Biex isir irid ikun hemm no objection tal-Pulizija |
| 818 | L-applikant tal-bay inkwistjoni hija differenti |
| 822 | Ħaddiema Assenjati |
| 823 | Ħaddiema Assenjati |
| 824 | Ħaddiema assenjati |
| 825 | Nistennew il-footage |
| 826 | Work Order B. Grima & Sons |
| 827 | Iridu jinġabru l-firem tar-residenti quddiem min ġejja |
| 829 | Ħaddiema Assenjati |

## 25.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fid- 9.30 pm u ġiet aġġornata għat-23 ta' Novembru 2020, fil-5.30pm

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Konfermati, illum 23 ta' Novembru, 2020